IR-RABAT

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-VIRTÙ**
**IT-TIENI LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU B 06**

* **Il-Kumitat iltaqa` nhar**
**L-Erbgħa 17 ta' Diċembru 2014 fis-5.45 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat** — Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** — Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sam Abela | Ċerpersin |
| Is-Sra Renate Guillaumier | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sna Audrey Sant | Membru |
| Is-Sna Louise Agius | Membru |
| Is-Sur Christopher Farrugia | Membru |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**1.00 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru B05**

1.01 Il-minuti tas-seduta nru B05 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati miċ-Ċerpersin u s-Segretarju Eżekuttiv. — Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti B05

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti B05**

2.01 2.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li t-Transport Malta ma ġewx lura b'risposta dwar il-laqgħa li ppropona l-Kumitat Amministrattiv. Għaldaqstant, il-Kumitat Amminstrattiv iddeċieda li tintbagħat *reminder*. — Tneħħija ta' *bus stop* minn Triq Godwin Ganado

2.02 2.02 Iċ-Ċerpersin informa l-laqgħa li waqt il-laqgħa li saret mar-rappreżentanti tas-Seminarju, iż-żewġ partijiet qablu li jibdew jaħdmu id f'id għall-ġid komuni ta' Tal-Virtù. — Laqgħa mas-Seminarju

Iċ-Ċerpersin informa l-laqgħa li waqt din l-istess laqgħa ġie ssuġġerit min-naħa tas-Seminarju li sabiex titnaqqas il-konġestjoni tat-traffiku, mal-ħajt tas-Seminarju jsir *double yellow line* u titwaħħal tabella li tindika li ma jistax isir parkeġġ bejn is-1.15 p.m. u t-3.15 p.m. waqt il-ħinjiet tal-iskola. Il-Kumitat qabel ma dan is-suġġeriment u għaldaqstant iddeċieda illi ssir applikazzjoni ma' Transport Malta u ninfurmaw lis-Seminarju li applikajna għal dan il-permess.



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

Is-Sur Christopher Farrugia informa l-laqgħa li ġie diskuss li l-Kumitat Amministrattiv ikollu l-possibilità li jibda joffri xi korsis ġewwa s-Seminarju, kif ukoll li l-faċilitajiet li għandhom jinfetħu għar-residenti.

Fl-aħħar nett, il-Kumitat qabel mal-minuti tal-laqgħa li ntbagħtulna min-naħa tas-Seminarju. L-unika emenda li trid issir hija li l-Kunsillier Andrew Mallia huwa l-'Kunsillier' u mhux il-'Konsulent' inkarigat mill-Edukazzjoni fi ħdan il-Kunsill Lokali Ir-Rabat.

| | | |
|---|---|---|
| 2.03 | 3.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-*handyman* tal-Kunsill għandu jmur jieħu r-ritratti tal-ħsarat li hemm f'din it-triq. | Tiswija ta' konki fi Triq Godwin Ganado k/m Triq il-Buskett |
| 2.04 | 3.03 Is-Sna Louise Agius infurmat il-laqgħa li għandha tipprepara din il-lista sal-laqgħa li jmiss. | Nuqqasijiet dwar it-trasport pubbliku |
| 2.05 | 3.04 Is-Sna Audrey Sant infurmat il-laqgħa li għandha tippreżenta r-ritratti fil-laqgħa li jmiss. | L-*stop sign* fi Triq Carlo Fiamingo u l-*give way* fi Triq Francesco Azopardi |
| 2.06 | 3.05 Il-membri tal-Kumitat Amministrattiv ilkoll qablu li l-kennies qed imur f'Tal-Virtù però mhux qed jiknes kif suppost. Għaldaqstant ġie deċiż illi l-kuntrattur tal-knis, kif ukoll il-*Contracts Manager* jintalbu jkunu preżenti għal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv li jmiss. | Ilment dwar il-knis manwali |
| 2.07 | 3.06 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li dan ix-xogħol huwa ppjanat li jsir nhar is-Sibt 20 ta' Diċembru 2014. | Xogħol ta' manutenzjoni bil-konkos fuq trejqa |
| 2.08 | 3.07 Is-Sra Renate Guillaumier infurmat il-laqgħa li l-problema dwar il-ġrieden għadha tippersisti. Għaldaqstant il-Kumitat iddeċieda li nerġgħu ninfurmaw lis-Sanità sabiex jerġgħu jieħdu azzjoni dwar dan l-inkonvenjent li qed jaffaċċjaw ir-residenti. | Problema tal-ġrieden |

## 3.00 Kommunikazzjoni mill-membri

| | | |
|---|---|---|
| 3.01 | Iċ-Ċerpersin issuġġerixxa li s-sena d-dieħla l-Kumitat Amministrattiv japplika għas-servizz temporanju tal-elettriku biex tkun tista' tinxtegħel is-siġra tal-Milied ġewwa tal-Virtù. | Tiżjin tas-siġra tal-Milied |
| 3.02 | Iċ-Ċerpersin informa l-laqgħa li l-kuntrattur tas-*soft areas* baqa' ma ħawwilx fjuri hekk kif kien mitlub jagħmel għal diversi drabi. Il-Kumitat iddeċieda illi kemm-il kuntrattur, kif ukoll il-*Contracts Manager* jintalbu jattendu għal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv li jmiss. | Is-*Soft Areas* f'Tal-Virtù |
| 3.03 | Is-Sur Christopher Farrugia informa l-laqgħa li l-iżvilupp illegali illi qed isir fuq 'Maple Farm' li tinsab ġewwa Triq il-Buskett, jagħmel mal-Kunsill Lokali Dingli u mhux mal-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù. Għaldaqstant huwa għaddha r-rapport lill-Kunsill Lokali Dingli. | Żvilupp illegali fi Triq il-Buskett |

**4.00 Korrispondenza**

4.01 B'referenza għall-korrispondenza numru 50/1889/14, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali ħareġ memo dwar l-ispazji pubbliċi – żoni mituħa. F'din il-memo qed nintalbu nidentifikaw spazji pubbliċi eżistenti u oħrajn ġodda peress li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali qed iniedi eżerċizzju sabiex tinġabar informazzjoni għall-ippjanar aħjar ta' dawn iż-żoni miftuħa. Memo 30/2014 – Spazji Pubbliċi – Żoni Miftuħa

Wara diskussjoni dwar dan is-suġġett bejn il-membri preżenti, il-Kumitat qabel li l-informazzjoni għandha tinġabar miċ-Ċerpersin flimkien mas-Sur Christopher Farrugia, liema informazzjoni għandha tasal għand id-Dipartiment sa nhar il-Ġimgħa 9 ta' Jannar 2015.

4.02 B'referenza għall-korrispondenza numru 50/1889/14, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li t-Transport Malta qed tiġbor informazzjoni dwar toroq li qatt ma ngħataw asfalt fil-lokalità tagħna. Lista ta' toroq ġodda

Is-Sur Christopher Farrugia informa l-laqgħa li żewġ toroq li qatt ma ngħataw asfalt ġewwa tal-Virtù huma t-triq ta' biswit il-Palazz tal-Virtù u Triq il-Merħliet. Għaldaqstant huwa ppropona li nissuġġerixxu dawn iż-żewġ toroq. Issekonda din il-proposta ċ-Ċerpersin. Il-Kumitat qabel unanimament.

**5.00 Materji Oħra**

Ma kien hemm l-ebda materja oħra x'tiġi diskussa. Materji oħra

**6.00 Data tas-seduta li jmiss**

6.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar il-Ħamis 22 ta' Jannar 2015 fis-5.45 ta' filgħaxija. Data tas-seduta li jmiss

6.02 Il-laqgħa ntemmet fis-7.00 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum il-Ħamis 22 ta' Jannar 2015

**Sam Abela**
**Ċerpersin**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**